

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000124/2013

lill-Kunsill

Artikolu 115 tar-Regoli ta' Proċedura

Vladimír Remek

f'isem il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Suġġett: Enerġija mill-fużjoni ITER

Fil-21 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni ressqet proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER (2014-2018) (COM(2011)0931).

Il-proposta kienet ibbażata fuq l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom. Il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament fid-9 ta' Frar 2012, u l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija vvota dwar ir-rapport ta' Remek rigward il-proposta fit-30 ta' Mejju 2013.

Il-Kummissjoni ssostitwiet it-test preċedenti permezz tal-proposta tagħha tat-28 ta' Awwissu 2013 (COM(2013)0607) għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-lżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E). Il-bażi legali għal din il-proposta l-ġdida hija l-Artikolu 47 tal-Euratom.

Għalkemm it-Trattat Euratom lill-Parlament ma jagħtihx rwol koleġislattiv leġittimu,

1. il-Kunsill jista' jispjega għalfejn il-Parlament ġie kkonsultat dwar il-proposta għal 'Programm Supplimentari ta' Riċerka għall-proġett ITER (2014-2018)' (COM(2011)0931) u mhux dwar il-proposta l-ġdida (COM(2013)0607)? Il-bidla tal-bażi legali għandha x'taqsam man-nuqqas ta' konsultazzjoni?
2. il-Kunsill ser jikkonsulta lill-Parlament dwar il-proposta l-ġdida (COM(2013)0607)? Jekk iva, meta jistenna li l-Parlament jagħti l-opinjoni tiegħu sabiex l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex jikkunsidrawha qabel jiddeċiedu dwar kwistjoni daqstant importanti?

Imressqa: 5.11.2013

Mgħoddija: 6.11.2013

L-iskadenza għat-tweġiba: 27.11.2013